MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Mandat Numru. 683/2007/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 683/2007 fl-ismijiet:**

**Michael Warrington u Madeleine Warrington**
**-vs-**
**Keith Scerri u Caroline Scerri**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-7 ta' Mejju 2007;

Rat ir-risposta a fol 3;

Rat id-dokumenti ezibiti;

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 2007;

Rat id-digriet li bih gie nominat il-Perit Joseph Ellul Vincenti biex jassisti lill dina l-Qorti;

Zammet access fuq il-post;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semghet lill Avukati difensuri;

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dana r-rikors instemgha kontestwalment mar-rikors numru 689/07 bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu, u li l-provi f'rikors wiehed kellhom japplikaw ghar-rikors l-iehor;

Illi r-rikorrenti qed jitlob li l-intimati jigu inibiti milli jfixluhom f'ezercizzju legittimu ta' dritt ta' xogholijiet fuq u li jghollu l-hajt divizorju bejn il-propretajiet rispettivi.

L-intimati wiegbu li r-rikorrenti m'ghandhomx prima facie dritt li jitlobu l-hrug ta' tali mandat u fit-tieni lok huma mhux se jbatu xi pregudizzju rrimeddjabbli jekk ir-rikors ma jintlaqax.

Illi l-Qorti ghalhekk trid tara (a) jekk prima facie r-rikorrenti ghandhomx id-dritt vantat minnhom u (2) jekk il-hrug tal-mandat hux mehtieg ghal harsien ta' dan id-dritt. (indispensabilita' tar-rimedju).

Illi r-rikorrenti qed jippretendu li l-hajt li fuqu hemm il-kwistjoni huwa hajt divizorju u li ghalhekk skond il-ligi ghandhom dritt li jezigu li tittella opra mora. Min naha l-ohra l-intimati qed jikkontestaw li dan il-hajt huwa hajt divizorju jew li r-rikorrenti ghandhom xi dritt fuqu.

Illi f'dan l-istadju din l-Qorti ma tidholx fil-mertu[1] ta' dritt pretiz mill-partijiet. Pero' anke jekk ir-rikorrenti ghandhom

[1] Id-digriet f'mandat ta' inibizzjoni ma jiddisponix definittivament mill-mertu tal-vertenza izda johloq speci ta' *modus vivendi* bejn il-partijiet pendenti l-eventwali gudizzju,

prima facie dritt x'jikkawtelaw f'dan is-sens, il-Qorti trid ukoll tara jekk it-talba taghhom ghal hrug tal-mandat ma tintlaqax, humiex sejrin ibatu xi pregudizzju irrimeddjabbili.

Ir-rikorrenti qed jilmentaw li kif inhu l-hajt illum huma skoperti u d-dritt taghhom ghal privatezza qed jigi lez. Il-Qorti zammet access fuq iz-zewg fondi u hi tal-fehma u dana anke bl-assistenza teknika, li mill-fond ta' l-intimati l-introspezzjoni ghal fond tar-rikorrenti hija limitata u mit-tieqa kontestata l-intimati ma jistghux iharsu ghal fuq is-*swimming pool* tar-rikorrenti, aktar u aktar issa li ghamlu *perspex*. Il-viswali tista' titnaqqas aktar jekk il-hgiega tkun wahda *translucent*. Ghalhekk jekk il-mandat ma jintlaqax u l-posizzjoni tibqa' kif inhi illum (bla ma jittella l-hajt ghal issa kif mitlub) sakemm jigi determinat il-mertu f'sede ohra, ir-rikorrenti mhux se jsofru pregudizzju rrimeddjabbili. Dan ma jfissirx li l-Qorti qed tiddetermina li parti jew ohra ghandha ragun fil-mertu dwar ix-xoghol fuq il-hajt imma biss li l-mandat mhux mehtieg biex jigi kawtelat id-dritt pretiz mir-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-7 ta' Mejju 2007
U tichad it-talba
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------